

31992L0089

26.11.1992

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 344/35

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 92/89/KEE**tat-3 ta' Novembru 1992****li temenda l-ewwel Anness għar-Raba' Direttiva 73/46/KEE li twaqqaf il-metodi ta' l-analiżi tal-Komunità għall-kontroll uffiċjali ta' l-għalf ta' l-annimali**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/373/KEE ta' l-20 ta' Lulju 1970 dwar l-introduzzjoni ta' metodi ta' l-għażla tal-kampjuni u l-analiżi għall-kontroll uffiċjali ta' l-għalf ta' l-annimali ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KEE) Nru 3768/85 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha,

Billi r-Raba' Direttiva tal-Kummissjoni 73/46/KEE ⁽³⁾, kif emendata mid-Direttiva 81/680/KEE ⁽⁴⁾, tippreskrivi l-metodu li għandu jiġi użat sabiex ikun stabbilit il-fibra mhux maħduma;

Billi hemm raġunijiet sabiex tadotta dan il-metodu fid-dawl ta' l-avvanzi fl-għerf xjentifiku u tekniku; billi huwa tal-parir, b'mod partikolari, sabiex tqis id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 80/1107/KEE tas-27 ta' Novembru 1980 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati ma' l-esposizzjoni għall-aġenti kimiċi, fiżiċi u bijoloġiċi fuq ix-xogħol ⁽⁵⁾, kif emendata mid-Direttiva 88/642/KEE ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari, il-miżuri meħuda sabiex tkun evitata l-esposizzjoni għall-asbestos;

Billi huwa minn hawn 'il quddiem meħtieġ li tibdel l-asbestos ma' kontenituri tal-ħġieġ sabiex ikunu mwettqa l-proċeduri ta' filtrazzjoni;

Billi l-miżuri provduti f'din id-Direttiva huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija ta' l-għalf ta' l-annimali,

Artikolu 1

L-Anness I għad-Direttiva 73/46/KEE huwa hawnhekk emendat b'mod konformi ma' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru 1993 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Għandhom jgħarrfu bihom lill-Kummissjoni fil-pront.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, (dawn il-miżuri) għandu jkollhom riferenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-riferenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-riferenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-3 ta' Novembru 1992.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 170, tat-3.8.1970, pġ. 2.

⁽²⁾ ĠU L 362, tal-31.12.1985, pġ. 8.

⁽³⁾ ĠU L 83, tat-30.3.1973, pġ. 21.

⁽⁴⁾ ĠU L 246, tad-29.8.1981, pġ. 32.

⁽⁵⁾ ĠU L 327, tat-3.12.1980, pġ. 8.

⁽⁶⁾ ĠU L 356, ta' l-24.12.1988, pġ. 74.

ANNESS

L-Anness I, l-ewwel punt, "L-għarfien tal-fibra mhux maħduma" huwa mibdul minn dawn li ġejjin:

"L-GĦARFIEN TAL-FIBRA MHUX MAĦDUMA"**1. L-għan u l-iskop**

Dan il-metodu jagħmilha possibbli sabiex jiġu stabbiliti s-sustanzi organiċi neqsin mix-xaħam fl-għalf ta' l-annimali li ma jinħallux fil-medja ta' l-aċidu u l-alkalin u li huma konvenzjonalment deskritti bħala ħajt krudi.

2. Il-Prinċipju

Il-kampjun, bix-xaħam imneħħi fejn meħtieġ, huwa trattat suċċessivament ma' soluzzjonijiet bil-fwar ta' aċidu sulfuriku u l-idrossidu tal-potassju. Il-fdalijiet huma sseparati mill-filtrazzjoni bl-użu ta' filtru ta' ħġieġa sinterita maħsula, ixxuttata, miżuna u magħmula rmied bejn 475 u 500 °C. It-telf ta' użin li jirriżulta mill-proċess ta' l-irmied jikkorrispondi mal-ħajt krudi li huwa preżenti fit-test tal-kampjun.

3. Reaġenti

- 3.1. Aċidu sulfuriku, $c = 0,13 \text{ mol/l}$.
- 3.2. Aġenti għal kontra r-raqhwa (eż. n-octanol).
- 3.3. Għajjuna lill-filtru (Celite 545 jew ekwivalenti), imsaħħna fuq 500 °C għal erba' sigħat.
- 3.4. Aċetoni
- 3.5. Petrolju ħafif li jgħali bejn 40 u 60 °C.
- 3.6. Aċidu idro-kloriku, $c = 0,5 \text{ mol/l}$.
- 3.7. Is-soluzzjoni idrossida tal-potassju, $c = 0,23 \text{ mol/l}$.

4. Apparat

- 4.1. L-unità tas-sħana għal diġestjoni ma' aċidu sulfuriku jew soluzzjoni idrossida tal-potassju, armat b'appoġġ għal filtru (4.2) u provvdut b'tubu miftuħ li jkollu tapp mal-ftuħ tal-likwidu u l-vakwu, possibbilment b'arja kompressa. Qabel ma tintuża kuljum l-unità għandha tiġi msaħħna minn qabel b'ilma jagħli għal ħames minuti.
- 4.2. Filtru tal-ħġieġ ma' platt b'filtru tal-ħġieġ f'usjat u sinterizzat bid-daqs bejn 40-90µm. Qabel l-ewwel użu, saħħan sa 500 °C għal ftit minuti u berred (8.6).
- 4.3. Ċilindru ta' mill-inqas 270ml b'kondensatur *reflux*, adatt għall-għali.
- 4.4. Forn mnixxef b' *thermostat*.
- 4.5. Forn mgħotti b' *thermostat*.
- 4.6. Unità ta' estrazzjoni li tikkonsisti minn platt ta' appoġġ għal filtru (4.2) u b'pajp ta' l-iżvujtar b'tapp għall-vakwu u għall-ftuħ tal-likwidu.
- 4.7. Iċ-ċrieket li jingħaqqu sabiex tkun tista' tiġi mgħaqquda l-unità tas-sħana (4.1), il-griġjoli (4.2) u ċ-ċilindru (4.3) u biex tgħaqqad l-unità kiesħa ta' l-estraxxjoni (4.6) u l-griġjoli.

5. Il-Proċedura

Iżen sa l-eqreb 0,001g, 1g tal-kampjun imħejji u poġġi fil-griġjoli (4.2), (ara l-osservazzjonijiet 8.1, 8.2, u 8.3) u żied 1g ta' għajjuna lill-filtru (3.3).

Għaqqad l-unità tas-sħana (4.1) u l-filtru (4.2), u wara ehmeż iċ-ċilindru (4.3) lill-griġjoli. Ferra' 150 ml ta' aċidu sulfuriku jagħli (3.1) għewwa ċ-ċilindru magħqud u l-griġjoli u jekk meħtieġ żid ftit qtar ta' aġenti għal kontra r-raqhwa (3.2).

Ġib il-likwidu għall-għali bejn 5 +2 minuti u għalli bil-qawwa għal 30 minuta.

Iftaħ it-tapp għall-pajp tal-ftuħ (4.1) u, bil-vakwu, iffiltra l-aċidu sulfuriku minn filtru tal-griġjoli u aħsel il-fdalijiet bi tliet porzjonijiet konsekuttivi ta' 30ml ta' ilma jagħli, u tiżgura li l-fdalijiet huma ffiltrati nixfin wara kull ħasla.

Agħlaq it-tapp ta' ftuħ u ferra' 150ml tas-soluzzjoni tagħli ta' potassju idrossidu (3.7) liċ-ċilindru magħqud u lill-griġjoli u żied ftit qatriet ta' aġenti kontra r-raqhwa (3.2). Ġib il-likwidu sal-punt li jagħli bejn 5 2 minuti u għalli bis-saħħa għal 30 minuta. Agħmel filtru u rrepeti l-proċedura tal-ħasil użat għall-aċidu sulfuriku.

Wara l-aħħar ħasla u nixfa, skonnnettja l-griġjoli u l-kontenuti tagħha u erġa' ikkonnettjaha ma' l-unità ta' estrazzjoni kiesħa (4.6). Applika l-vakwu u aħsel il-fdalijiet fil-griġjoli bi tliet porzjonijiet konsekuttivi ta' 25ml ta' aċetoni (3.4) u li tiżgura li l-fdalijiet huwa ffiltrati nixfin wara kull ħasla.

Nixxef il-griġjoli għal użin kostanti fil-forn fuq 130 °C. Wara kull nixfa berred fid-dessikatur u iżen mill-ewwel. Poġġi l-griġjoli għewwa forn mgħotti u għamel firmied għal użin kostanti bejn 475 u 500 °C għal mill-inqas 30 minuta.

Agħmel test vojti mingħajr il-kampjun.

It-telf fl-użin li jirriżulta mill-irmied ma għandux ikun aktar minn 4 mg.

6. Il-kalkoli tar-riżultati

Il-kontenut tal-fibra mhux maħduma bħala persentaġġ tal-kampjun huwa mogħti mill-espressjoni:

$$\frac{(b-c) \times 100}{a}$$

fejn

a = il-massa tal-kampjun fi grammi;

b = it-telf ta' massa li ssir irmied matul id-determinazzjoni, fi grammi;

c = it-telf ta' massa li jsir irmied matul it-test vojti, fi grammi.

7. L-abbiltà għat-tennija

Id-differenza bejn iż-żewġ determinazzjonijiet mtellgħa fuq l-istess kampjun ma għandhiex tkun aktar minn:

— 0,3 fil-valur assolut għall-kontenuti tal-fibra kruda anqas minn 10 %,

— 3 % relattiv lill-ogħla riżultat, għall-kontenuti tal-fibra mhux maħduma daqs jew aktar minn 10 %.

8. Osservazzjonijiet

8.1. L-għalf ta' l-annimali li jkun fih aktar minn 10 % ta' xaħam mhux maħdum għandu jkollu x-xaħam imneħħi qabel l-analiżi tal-petrolju ħafif (3.5). Għaqqad il-griġjoli tal-filtru (4.2) u l-kontenuti tagħha ma' l-estraxxjoni kiesħa ta' l-unità (4.6) u applika l-vakwu u aħsel il-fdalijiet bi tliet porzjonijiet konsekuttivi ta' 30ml ta' petrolju ħafif, u tiżgura li l-fdalijiet huma nixfin. Għaqqad il-griġjoli u l-kontenuti tiegħu ma' l-unità tas-sħana (4.1) u kompli kif deskritt skond 5.

8.2. It-tgħam ta' l-annimali li jkollu fih xaħmijiet li ma jistgħux ikunu estratti direttament mill-petrolju ħafif (3.5) għandhom ikollhom ix-xaħam imneħħi kif muri fi 8.1 u għandu jerġa' jkollhom ix-xaħam imneħħi wara l-għali ma' l-aċidu.

Wara l-għali ma' l-aċidu u t-taħsil sussegwenti għaqqad il-griġjoli u l-kontenuti tiegħu ma' l-unità kiesħa ta' l-estraxxjoni (4.6) u aħsel għal tliet darbiet bi 30ml aċetoni segwiti minn tliet ħasliet oħra bi 30ml ta' petrolju ħafif. Iffiltra bil-vakwu sakemm ikun niexef u kompli l-analiżi kif deskritt skond 5, billi tibda mit-trattament tal-potassju idrossidu.

8.3. Jekk it-tgħam ta' l-annimali jkollu fih aktar minn 5 % ta' karbonati, espressi bħala karbonati tal-kalċju, għandek tgħaqqad il-griġjoli (4.2) mal-kampjun ta' l-użin lill-unità tas-sħana (4.1). Aħsel il-kampjun għal tliet darbiet bi 30ml ta' aċidu idrokloriku (3.6). Wara kull żieda ħalli l-kampjun għal xi minuta qabel ma' tiffiltra. Aħsel darba bi 30ml ilma u mbagħad kompli kif deskritt skond 5.

8.4. Jekk huwa użat apparat bil-forma wieqfa (bosta griġjoli meħmuża ma' l-istess unità tas-sħana) l-ebda determinazzjoni individwali fuq l-istess kampjun għall-analiżi tista' tkun mtellgħa fl-istess serje.

8.5. Jekk wara l-għali huwa diffiċli li tiffiltra s-soluzzjonijiet aċidiċi u bażiċi, uża arja kkompressata minn pajp ta' l-iżvujtar ta' l-unità tas-sħana u mbagħad kompli fil-filtra.

8.6. It-temperatura għall-irmied ma għandhiex tkun aktar minn 500 °C sabiex tkun tista' testendi l-ħajja tal-griġjoli ffiltrati tal-ħġieġ. Għandha tingħata l-kura meħtieġa sabiex jkun evitat ix-xokk eċċessiv tas-sħana matul iċ-ċikli tas-sħana u tal-kesħa."